# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 13 ta'Gunju 2016**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Numru : 954/2013 JPG**

**Middlesea Insurance plc [C5553] u dina kif surrogata kemm skond il-Ligi kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mario Debono f`ismu u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta The Village Pharmacy Limited, u l-istess Mario Debono**
**f `ismu u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta The Village Pharmacy Limited [C29487]**

**-VS-**

**Gilbert Bugeja [KI Nru 0399588M]**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-4 t'Ottubru 2013 (a fol. 1 et seq), li jaqra hekk:

*"A. Dikjarazzjoni Tal-Fatti*

1. *Illi s-socjeta' rikorrenti Middlesea Insurance plc kienet harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive favur il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MGD 866, proprjeta' tar-rikorrenti Mario Debono f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta The Village Pharmacy Limited;*

2. *Illi nhar l-24 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tal-5.30 pm waqt li l-imsemmija vettura kienet qed tinstaq minn Mario Debono gewwa Triq Notabile, Birkirkara, hija sfat milquta fuq in-naha ta' wara taghha minn vettura tal-ghamla Audi bin-numru tar-registrazzjoni GBB 088 proprjeta ta' u misjuqa mill-intimat Gilbert Bugeja, u dan skond ma jirrizulta mir-Rapport relattiv illi kopja tieghu giet annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala Dok. A;*

3. *Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal- intimat;*

4. *Illi bhala konsegwenza ta' l-incident de quo ir-rikorrenti soffrew danni fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€26,500), rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' mitejn u disghin Ewro, l-excess payment illi r-rikorrenti Mario Debono f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta The Village Pharmacy Limited hallset sabiex setghet tiftah claim in konnessjoni ma' dana l-incident, u in kwantu ghall-ammont ta' sitta u ghoxrin elf mitejn u ghaxar Ewro (€26,210) id-danni bilancjali kollha sofferti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MGD 866 f'dan il-kaz, illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' Middlesea Insurance plc abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni minnha mahruga favur l-imsemmija vettura; kopji tas-Survey Report u tad-Discharge Form annessi mar-rikors, esebiti u mmarkati bhala Dok. B u C;*

5. *Illi minkejja li giet debitament interpellata sabiex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimata baqghet inadempjenti ;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.*

*B. Raguni Ghat-Talbiet F'Dawn il-Proceduri*

7. *Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex dina l-Qorti tiddikjara li l-intimata kienet unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-24 ta' Dicembru 2012 gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa ghall-habta tal-5.30pm u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' l-incident de quo occorrendo bl-opera ta' periti nominandi fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€26,500), u tikkundanna lill-intimata sabiex thallas favur ir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;*

*C Talbiet Attrici*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi r-rikorrenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat kienet unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-24 ta'Dicembru 2012 gewwa Triq Notabile, Birkirkara;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' l-incident de quo, occorrendo bl-operata' periti nominandi, fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€26,500), dovuti in kwantu ghall-ammont ta' mitejn u disghin Ewro (€290) lir-rikorrenti Mario Debono f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza tas- socjeta The Village Pharmacy Limited rapprezentanti l-excess payment minnha mhallas in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf mitejn u ghaxar Ewro (€26,210) rapprezentanti d-danni bilancjali kollha li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' rikorrenti Middlesea Insurance plc abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive ;*

3. *Tikkundanna konsegwentement lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti Mario Debono f ismu u ghan-nom u in rapprezentenza ta' The Village Pharmacy Limited is-somma ta' mitejn u disghin Ewro (€290) rapprezentanti l-excess payment imhallas mill-istess rikorrenti in konnessjoni ma' dan l-incident, u lis-socjeta' rikorrenti Middlesea Insurance plc is-somma ta' sitta u ghoxrin elf mitejn u ghaxar Ewro (€26,210) rapprezentanti d-danni kollha li l-istess socjeta'*

*ghamlet tajjeb ghalihom abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali pprezentati nhar is-6 ta' Gunju 2013 [kopja legali ta' l-imsemmija ittra ufficjali annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala Dok. D], u dawk ta'l-ittra ufficjali li ntbaghatet lis-socjeta' Elmo Insurance Limited kontestwalment ma' dan l-Att u bl-interessi mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2013 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi ;

Rat ir-risposta tal-intimat Gilbert Bugeja tat-22 ta' Novembru 2013 (a fol. 35 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti stante lil-incident tat-traffiku de quo ma kienx imputabbli ghall xi htija jew nuqqas da parti tal-esponenti Gilbert Bugeja izda sehh unikament bi htija tar-rikorrent Mario Debono;*

2. *Illi ghalhekk, fejn jirrigwarda l-esponent, m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. <u>Minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz</u>, il-quantum tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u ghandu jigi pprovat skond il-ligi;*

3. *Illi ghaldaqstant, ma hemmx lok ghall-kundanna tal-esponenti ghall-hlas ta' danni favur ir-rikorrenti;*

4. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici tas-27 ta’ Frar 2014 (a fol. 85) illi permezz taghha rreduciet t-talba taghha ghall-€25,000;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta fil-kaz in ezami, partikolarment skond **Markita Borg,** prodotta mis-socjeta rikorrenti a fol 45 – 48, jirrizulta illi hija tokkupa l-kariga ta' *claims handler* mas-socjeta rikorrenti u kkonfermat illi s-socjeta rikorrenti kienet tkopri taht kopertura *comprehensive* il-vettura Audi A6 bin-numru ta' registrazzjoni MGD 866 f'isem Mario Debono fl-24 ta' Dicembru 2012. Ikkonfermat ukoll illi fl-istess gurnata saret *claim* u ghalhekk is-socjeta rikorrenti appuntat *surveyor* biex jikkwantifika d-danni, li f'dan il-kaz kien James Mercieca. Spjegat illi skont is-*survey* il-vettura giet kkonsidrata bhala *beyond economical repair* u kien lahqu *settlement* ta' €25,000 mal-klijent, li kien hallas *excess* fl-ammont ta' €290. Qalet illi dan l-ammont waslu ghalih wara li naqsu s-somma ta' €1,500 rapprezentanti l-ammont li ngabar mis-socjeta rikorrenti mal-bejgh tar-*wreck.*

**James Mercieca** prodott mis-socjeta rikorrenti, a fol 76 – 78 xehed illi huwa mpjegat mas-socjeta rikorrenti bhala *motor insurance assessor* u kkonferma illi huwa kien hejja *survey report* fir-rigward tal-vettura MGD 866. Spejga illi din il-vettura kellha hsarat tant estensivi, anke strutturali illi giet dikjarata *beyond economical repair*. Qal illi l-valur li huwa ta fir-rapport ta wasal ghalih ibbazat fuq sitimi ta' kemm kienet tiswa vettura bhala dak iz-zmien. Qal illi d-data ta' manifattura ta' din il-vettura kienet 2006. Rigward il-valur tar-*wreck* qal illi dan kien biss valur approssimattiv ghaliex imbaghad ikunu jridu jaraw x'offerti jkun hemm. Mistqosi jispjega ghaliex ir-*wreck* inbiegh ghal nofs il-valur illi huwa stima, wiegeb illi dan probabilment ghaliex din m'hijiex vettura li hawn hafna bhala fis-suq u ghalhekk in-numru ta' xerrejja huwa limitat hafna peress illi hija karozza kbira u lussuza li wiehed mhux ser jixtriha biex jirrangaha, u l-*parts* taghha

jkunu anqas in demand fuq is-suq u ghalhekk ma jkunx daqshekk facli tbiegha bhala *wreck*.

Spejga wkoll illi huwa wasal ghal konkluzjoni illi l-vettura kienet beyond *economical repair* ghaliex **kellha mpatt qawwi fuq in-naha tax-xellug** li kien jidher li sar b'vettura, u **impatt iehor quddiem fuq in-naha tal-lemin quddiem il-bieba tax-xufier ma xi haga strutturalment soda** ghaliex jidher illi l-vettura assorbit l-impatt kollu. Ghalhekk is-*safety features* tal-vettura gew minsusa, il-*crumple zone*s taghha gew affettwati u kien dannegjata strutturalment, u dan apparti l-ispejjez biex tirrangaha.

In kontro-ezami a fol 78 – 81 spjega illi huwa wasal ghal valur ta' €26,000 wara li ra kemm kienet tiswa' karozza bhala, uzata, mill-Ingilterra, circa bl-istess *mileage*, bl-istess specifikazzjonijiet, u l-ispejjez biex din tingieb Malta, inkluz it-taxxa ghar-registrazzjoni ta' dak iz-zmien. Qal illi huwa gab tlett stimi minn fuq l-internet u ha *average*. Qal illi huwa kkonsulta mal-*guide book* tal-kumpanniji tal-assikurazzjoni, izda dan ma kellux il-mudell bhalha importat mill-Ingilterra u l-vettura mahruga minn Malta gdida tiswa €70,000.

Rigward l-istima ta' €3,000 bhala valur tar-*wreck*, spjega illi huwa wasal ghal dak il-valur peress illi dak iz-zmien kien hemm xi hadd interessat li mbaghad mar lura fid-diskors. Qal li imbaghad kienet problema biex isibu xerrej kredibbli biex jixtriha. Spjega wkoll illi *wreck* ma jinbieghx lil kulhadd, izda ix-xerrej irid ikun persuna kredibbli li ghandha reputazzjoni tajba mas-socjeta rikorrenti peress illi *wreck* tista' tkun potenzjalment perikoluza. Kompla illi huwa ma hax hsieb il-bejgh tar-*wreck* u lanqas ma gie kkonsultat rigward id-decizjoni biex ir-*wreck* jigi mibjugh ghal prezz ta' €1,500.

In ri-ezami a fol 81 – 82 qal illi l-prezz ta' €1,500 huwa accettabli hafna peress illi kien difficli biex jinstab persuna li kien lest li jixtriha.

**Mario Debono** prodott mis-socjeta rikorrenti xehed a fol 88 - 93 illi huwa kellu l-vettura Audi A6 bin-numru tar-registrazzjoni MGD 866, li kienet assikurata mas-socjeta rikorrenti. Spjega illi **fl-24 ta' Dicembru 2012** kien telaq mid-dar tieghu San Giljan biex imur l-ufficju li jinsab go trejqa f'Notabile Road. Kompla li hu ghadda mill-*Bypass* tal-Imriehel minn go l-Industrial Estate u hareg fuq Notabile Road minn fejn hemm il-

Consolidated Biscuits, ftit qabel Fino. Mill-boghod ra zewg karozzi gejjin pero kkalkula li kien hemm bizzejjed hin u hareg, u progressa lejn l-ufficju li kien xi 700 metru l-quddiem. Qal illi peress li t-triq fejn hemm l-ufficju hija dejqa hafna, bilfors kellu jbaxxi hafna l-*ispeed* tieghu u uza l-*indicator* biex juri li kien ser idur. . Qal li f'daqqa wahda hass il-karozza ttir, u din il-kollizzjoni sehhet ghal habta tas-sitta ta' filghaxija. Spejga li l-karozza daret u habtet ma' arblu tad-dawl minn naha tal-xufier u infethu l-*airbags*. Kompla illi huwa kien ilu li qabez il-Consolidated Biscuits meta grat il-habta, u li huwa kien fuq l-*inner lane* u kellu l-*indicator* mixghul peress li kien ser jidhol fit-trejqa. Zied illi l-impatt sehh qabel ma beda jdur u gara quddiem l-ufficju ta' JDR Mifsud - vide fol. 91. L-impatt kien fuq in-naha ta' wara tal-karozza u bis-sahha tad-daqqa, is-*seat* tieghu inqasam. Il-vettura tieghu spiccat thares fid-direzzjoni opposta tat-triq peress illi bid-daqqa daret, u imbaghad habtet ma' arblu mill-genb minn naha tas-sewwieq. Xehed ukoll illi l-vettura tieghu spiccat *total loss* u kkonferma illi huwa thallas mis-socjeta rikorrenti.

In kontro-ezami a fol 93 – 98 xehed illi **meta wasal fuq l-*istop sign*, waqaf kompletament qabel ma hareg u hemmhekk ra zewg karozzi mill-boghod, mill-inqas tmien mitt metru il-boghod, u cioe hdejn il-BOV, u wahda minnhom kienet l-istess vettura li kienet involuta fl-incident.** Wiegeb illi huwa jikkalkula li minn meta hareg mit-triq laterali sal-mument tal-impatt, **kien lahaq saq xi tmien mitt jew disa' mitt metru.** Wiegeb ukoll illi ma rax id-distanza bejnu u bejn il-vettura tal-intimat tiqsar, ghaliex meta hareg fuq it-triq principali, ma baqax isegwiha. Mistoqsi rigward id-distanza li l-vettura tieghu imxiet il-quddiem bid-daqqa, wiegeb li huwa **jikkalkula bejn sittin u tmenin metru.**

**PS 3 Kevin Grima** prodott mis-socjeta rikorrenti, xehed a fol 102A – 102C, illi dakinhar tal-incident in kwistjoni huwa kien mar fuq il-post, u ipprepara wkoll l-iskizz li jinsab ezebit a fol 102 tal-process. Spjega li huwa kien inghata zewg verzjonijiet konfliggenti miz-zewg sewwieqa involuti fl-incident, fejn Mario Debono li kien qed isuq il-vettura bin-numru GDO 086 qallu li huwa kellu l-*indicator* mixghul u kien diehel fit-trejqa biex imur lejn l-ufficini tieghu Alpha Limited, filwaqt illi Gilbert Bugeja li kien qed isuq il-vettura bin-numru GBB088 qallu li Debono kien hariglu f'daqqa wahda minn go t-trejqa msemmija. Fuq il-post kellem ukoll lil certa Roberta Maria Fenech li

kienet qatlu li hi kienet qed isuq wara Bugeja u f'hin minnhom rat karozza tohrog mit-trejqa u sehhet il-habta.

**L-intimat** xehed a fol 113 – 118 illi dakinhar tal-incident, huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru GBB088 lejn id-direzzjoni tal-MFS. Spjega li fil-karozza huwa kien wahdu u li fit-triq ma kienx hemm traffiku. Kompla li huwa kien qieghed isuq fuq il-lane tal-lemin, kien qabez il-Farsons u kienet qieghed fejn hemm is-*showroom* taz-zejt, u f'daqqa wahda harget vettura minn trejqa fuq in-naha tax-xellug wara li taqbez il-Farsons u habtu: il-quddiem tal-vettura tieghu  ma' wara' tal-karozza ta' Debono. Qal li ma kien hemm xejn li setgha jaghmel biex jevita l-incident minhabba li s-sewwieq l-iehor ghalaqlu t-triq peress li  hareg fuq il-*lane* tieghu. Dan sehh ‘l ghaliex  t-trejqa li hareg minnha hija dejqa hafna, u ghalhekk ma kellux fejn imur. L-impatt kien fuq quddiem kollu tal-vettura tieghu, pero kien hemm iktar hsara fuq in-naha tax-xellug. Il-vettura ta' Debono daret u habtet ma' arblu tad-dawl filwaqt li tieghu baqghat mixja distanza iktar il-fuq minn fejn sehh l-impatt.

In kontro-ezami a fol 118 – 121 xehed **illi huwa kien qieghed isuq b'velocita ta' circa sittin jew sebghin kilometru fis-siegha,** u kien qieghed distanza ta' circa zewg vetturi l-boghod mit-trejqa meta hareg Debono. Qal li l-vettura ta' Debono ma setghax jaraha hafna mit-tul peress li hemm qisu kantuniera. Ikkonferma li f'dak il-hin Debono kienet lahaq hareg u dar kompletament fuq it-triq principali u d-daqqa tahilu mhux fuq il-genb, izda fuq wara.

**Roberta Fenech** prodotta mill-intimat xehdet a fol 124 – 127, illi dakinhar tal-incident hija kienet qed isuq minn Santa Venera direzzjoni lejn Attard fi Triq Notabile wara l-intimat, u kkonfermat li ma kienx hemm traffiku. Spjegat illi ghalkemm lill-intimat tafu kienet biss b’kumbinazzjoni li kienet qed isuq warajh. Xehdet illi kemm hi kif ukoll l-intimat kienu qed isuqu fuq il-*lane* tal-lemin u f'daqqa u l-hin, harget vettura minn sqaq dejjaq fuq in-naha tax-xellug u kien hemm kollizjoni bejn din il-vettura u l-vettura tal-intimat. Kompliet illi hi saqet ftit iktar il-quddiem, u pparkjat biex tinzel tara. Qalet li hi ma ratx il-kollizzjoni ssehh u filfatt indunat bil-habta wara meta rat id-duhhan u l-karozza tal-intimat wieqfa.

In kontro-ezami a fol 127 – 140 ikkonfermat illi kienet taf lill-intimat u kienu hbieb, ghaliex tafu minn fuq ix-xoghol, u li gharfet in-*number plate* tieghu. Wiegbet li hi kienet qed isuq tul ta' circa tliet karozza l-boghod mill-intimat u kkonfermat illi rat lil Debono hiereg mit-trejqa. Mistoqsija jekk jistghax ikun li Debono kienet diehel go din it-trejqa u mhux hiereg, wiegbet illi hi certa li kien hiereg minhabba li rat id-dawl. Mistoqsija kemm kien hemm distanza bejn l-intimat u Debono meta sehh l-incident wiegbet li ma tafx.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti giet moghtija zewg verzjonijiet konfliggenti rigward id-dinamika tal-incident. Filwaqt li r-rikorrent isostni illi l-habat sehhet meta huwa kien qieghed idur mit-triq principali ghal go triq dejqa laterali, l-intimat jghid illi l-incident sehh ghaliex l-intimat qabad u hareg ghal go t-triq principali minn go triq laterali.

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra,*

> *aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[1]

Inghad ukoll illi "*fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.*"[2]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:

> *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
>
> *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[3]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.[4]

Il-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz huma fjakki ghall-ahhar, tant illi l-iskizz tal-incident lanqas juri jekk thallewx xi *tyre marks* fit-triq. Pero l-intimat produca bhala xhud okulari lil Roberta Fenech, li kienet fuq il-post fil-hin tal-incident u kkonfermat il-verzjoni tal-intimat, u cioe li r-rikorrent hareg minn triq laterali ghal fuq it-triq principali fejn kien qed isuq l-intimat. Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiskarta il-verzjoni tal-intimat ghalhekk, liema verzjoni giet korroborata minn xhud okulari, u

---

1 **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 24 ta' Novembru 1966.

2 J**oseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza 25 ta' Gunju 1980.

3 M**aria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza 24 ta' Marzu 2004.

4 **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza 19 ta' Mejju 2015.

ghalhekk tqis illi l-incident sehh meta r-rikorrent kien hiereg minn triq laterali ghal fuq it-triq principali fejn kien qieghed isuq l-intimat.

**Ikkonsidrat;**

Huwa risaput li kull utilista tat-triq huwa tenut illi jzomm *a proper look-out* ghall-utilisti ohra tat-triq.

Infatti l-awtur Ingliz **Gibb Collisions on the Highway**:

> ***"It is the duty of every motorist to look where he is going and to keep a reasonably careful look-out for other road users so that a collision may be avoided. He must not look only straight ahead but also towards the side, especially at street junctions."***

Dan il-kuncett ta' *proper look-out* gie addottat mill-Qrati Inglizi fil-kawzi **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Limited**, fejn il-Qrati Inglizi rritenew:

> ***"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."***

L-istess kuncett gie mhaddan mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza fil-5 t'Ottubru 2001, fl-ismijiet **George Scicluna et vs Victor Cini** fejn gie ritenut:

> ***"bi vjolazzjoni cara tar-Regola fondamentali li tiggverna s-sewqan, dik cioe' illi min isuq kellu jkun f'kull hin konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'posizzjoni li tempestivament jirreagixxi ghal kull eventwalita'."***

Vide ukoll **Zahra vs Vassallo** deciza fil-15 t'Ottubru 2003.

Ir-Reg.76 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994 kif emendat) ighid li:

> ***"triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa` lil dak tat-triq principali."***

> ***"... izda d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f`wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera."***

Madanakollu pero`, huwa fatt inkontestat li l-oneru tal-utent tat-triq laterali huwa aktar gravuz minn dak tal-utent tat-triq principali ghaliex il-manuvra li jkun ser jaghmel, fiha nnfisha, tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali (**Stagno Navarra vs Saliba** – Kollez. Vol. XLV.I.389)

Ghar-rigward ta' regoli li jirrigwardaw *stop signs*, l-Artikolu 75 tal-***Highway Code***, jghid li *Stop means Stop*. Fil-manwal ***Driving – The Department of the Environment Manual*** wiehed isib:

> ***"On a stop sign you must stop. You must not then drive on and enter on the major road until you can do so without causing danger or making drivers on that road change speed or direction."***

L-awturi **Macintosh and Scobie** fil-ktieb ta' ***Negligence in Delict*** a fol. 389, jghidu:

> ***".. the driver upon reaching a stop sign must bring his vehicle to a complete halt and must both look and listen in both***

> ***directions in order to apprehend fully what vehicles are approaching, how far they are away and what speed they appear to be progressing and then only if quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection may proceed further..”***

L-awtur **Gibb** f`pagna 62 tal-ktieb ***The Trial of Motor Car Accident Cases*** jsostni:

> ***“ … The side road user has a higher duty only in the sense that anyone who is called to fulfil a duty which is riskier than another duty is bound to use greater care than he who carries the other. Entering one road from another is more difficult than continuing straight along the same road, and for that reason the side road user must use more care.”***

Fl-Appell Civili **Camilleri vs Demicoli** deciza fis-27 ta’ Lulju 1981, dik l-Qorti ziedet tirritieni illi:

> ***“Il-grad ta’ diligenza, prudenza u attenzjoni li l-utent ta’ triq sekondarja obligat li jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku ghaddej fit-triq principali li jesplora tajjeb it-triq u sahansita jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista’ johrog bla hsara.”***

Huwa car ghalhekk illi skont ir-regoli tat-traffiku, **ir-rikorrent kellu oneru bil-wisq akbar minn dak tal-intimat fis-sens li kellu jkun l-istess rikorrent li jcedi ghat-traffiku li gej mit-triq principali,** u cioe minn fejn kien gej l-intimat.

Tenut kont ta’ dan kollu, huwa evidenti li **t-tort principali ghal kif gara l-incident meritu tar-rikors huwa tar-rikorrent**. Ladarba sehhet il-habta, huwa evidenti li lr-rikorrent jew ma rax lill-intimat gej u allura ma zammx dik li tissejjah ‘*a proper look out’* - jew inkella ma ikkalkolax tajjeb id-distanzi relattivi u allura ikkawza l-incident. L-ebda wahda minn dawn l-ipotesijiet pero` ma tezentah mir-responsabbilita`principali ghall-akkadut.

Infatti l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin** deciza fit-13 ta’ Lulju 2010, gie ritenut:

> ***“Huwa ghall kollox irrilevanti ghall-accertament tal-htija tal-konvenut, il-post fejn sfat milquta l-vettura tal-konvenut u cioe` jekk kienx fil-pont ta’ wara tax-xellug inkella fil-genb.. ..il-fatt centrali huwa li l-konvenut bhala utent tat-triq sekondarja, qabad u hareg fin-nofs tat-triq principali meta din it-triq ma kinietx libera mit-traffiku. Issa fejn inlaqat la jzid u lanqas inaqqas il-htija tieghu.”***

Tibqa' ghalhekk il-kwistjoni jekk l-intimat, bis-sewqan tieghu, ikkontribwixxiex ghall-incident.

Skond l-Art.1051 tal-Kap.16, sabiex ikun hemm kontribuzzjoni ghall-hsara, jehtieg:

> (a) li jkun hemm att ta` negligenza da parti tal-persuna li tkun batiet il-hsara. Kif inghad fil-kawza **Sacco et noe vs Bonnici** (Appell Civili – 19 ta’ Frar 1962 – Kollez. XLVII.I.10) irid ikun hemm konkors ta’ htijiet : dik tal-konvenut u dik tal-attur.
>
> (b) li din in-negligenza tal-persuna li tkun batiet il-hsara tkun ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara (ara – **Bugeja noe vs Borg** – Prim`Awla tal-Qorti Civili (PA/HH) – 11 ta’ Mejju 1983).

Fil-gurisprudenza Maltija, gie mqanqal ripetutament l-punt jekk speed eccessiv huwiex fattur ta` kontributorjeta` ghal responsabilita` f`incident. Hemm sentenzi fejn gie ritenut li speed in eccess ta` dak regolamentari wahdu ma wassalx ghal responsabilita` - anqas fi grad parzjali jew kontributorju (Vide **Barna vs Hudes Merchandising Corporatio**n – 1962 S.J. 194, C.A. ; **Bartolo vs Micallef** –Prim’Awla tal-Qorti Civili – 16 ta’ Frar 1973 ; **Grech vs Mizzi** – Prim’ Awla tal-Qorti Civili – 23 ta’ Marzu 1973 u **Agius vs Cachia** – Appell Civili – 24 ta’ Novembru 1982). Hemm sentenzi ohra li jsostnu li *speed* eccessiv huwa fattur li ghandu jigi kunsidrat biex tigi stabbilita r-responsabilita`,

partikolarment meta b'rizultat ta' dan l-*ispeed* eccessiv il-hsarat ikunu kbar (**Mamo vs Muscat Doublesin**– Prim'Awla tal-Qorti Civili – 9 ta' April 1963).

Din il-Qorti hi tal-fehma li huwa biss meta l-*ispeed* ikun fattur determinanti u konkomitanti fid-dinamika ta' incident, li ghandu jitqies bhala fattur kontributorju. Vide **Bonello vs Baldacchino** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fil-15 ta' Jannar 1997 u **Stanley vs Zahra** (PA/JSP) deciza fit-23 ta' Marzu 1993.

L-intimat iddikjara li hu kien qieghed isuq b'velocita ta' 60 – 70 kmph. Fic-cirkostanzi pero, il-Qorti tqis illi dan mhuwiex verosimili, u huwa evidenti mill-provi li l-intimat kien qed isuq b'velocita ferm akbar minn dik dikjarata. Dan jidher bic-car mid-dinamika tal-incident, fejn l-intimat, ghalkemm kellu karozza hafna izghar minn dik tar-rikorrent, irnexxilu jaghti daqqa tant b'sahhitha illi mexxa lir-rikorrent il-quddiem, dawru mija u tmenin grad (180°), sakemm ir-rikorrent gie jhares fid-direzzjoni opposta ta' triq u habtu ma' arblu tad-dawl, u minkejja tali impatt l-intimat **baqa' miexi distanza konsiderevoli wara l-punt tal-impatt.**

Il-Qorti qieset illi d-distanza konsiderevoli li l-intimat baqa' jkopri minkejja impatt ta' din il-kwalita' (Vide l-iskizz a fol. 12) u minn dan il-fattur huwa evidenti li l-intimat ma kienx veritier meta ddikjara l-velocita tieghu quddiem din il-Qorti, ghaliex li kieku kien minnu li kien qieghed isuq b'dik il-velocita, kienu ikun lahaq jew waqaf kompletament, jew almenu l-impatt ma kienx isehh b'daqstant vjolenza, u konsegwentement id-danni sofferti mill-partijiet kienu jkunu ferm anqas gravi.

Il-Qorti ghalhekk tqis li l-intimat kien responsabbli ghal negligenza kontributorja fi kwota ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Konsegwentement, mid-danni reklamati mir-rikorrenti, huwa ghandu jirrispondi fis-somma ta' **€72.50** lil Mario Debono proprio et nomine u **€6,552.50** lis-socjeta assikuratrici rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, u

1. tilqa' in parte l-ewwel talba tar-rikorrent, billi tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-24 ta' Dicembru 2012 gewwa Triq Notabile, Birkirkara fi kwota ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%);

2. Tilqa' in parte t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' l-incident de quo, fl-ammont ta' sitt elef sitt mija u hamsa u ghoxrin ewro (€6,625), dovuti in kwantu ghall-ammont ta' tnejn u sebghin ewro u hamsin centezmu (€72.50) lir-rikorrenti Mario Debono f'ismu u ghan-nom u in rappreżentanza tas- socjeta 'The Village Pharmacy Limited', u in kwantu ghas-somma ta' sitt elef hames mija u tnejn u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€6,552.50) lis-socjeta' rikorrenti Middlesea Insurance plc;

3. Tilqa in parte t-tielet talba u tikkundanna konsegwentement lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti Mario Debono f ismu u ghan-nom u in rapprezentanza ta 'The Village Pharmacy Limited' is-somma ta' tnejn u sebghin ewro u hamsin centezmu (€72.50) u lis-socjeta' rikorrenti Middlesea Insurance plc is-somma ta' sitt elef hames mija u tnejn u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€6,552.50).

L-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti (¾) mis-socjeta rikorrenti, u kwart (¼) mill-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**